Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' Ġunju 2019**
**(OR. en)**

**10274/19**
**ADD 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2019/0131(NLE)**

**COEST 144**
**WTO 166**
**VETER 33**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 12 ta' Ġunju 2019 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2019) 268 final - ANNEX |
| Suġġett: | ANNESS tal- Proposta tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u l-preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 268 final - ANNEX.

---

Mehmuż: COM(2019) 268 final - ANNEX

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.6.2019
COM(2019) 268 final

ANNEX

**ANNESS**

**tal-**

**Proposta tad-Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u l-preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra**

**Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u l-preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra**

*Ittra mill-Unjoni Ewropea*

Eċċellenza,

Għandi l-unur li nirreferi għan-negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna ("il-Partijiet") rigward il-preferenzi kummerċjali għal ċerti laħam tat-tjur u preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur, konklużi fid-19 ta' Marzu 2019.

Dawn in-negozjati rriżultaw fil-ftehim li ġej:

(1) Fil-punt A tal-Appendiċi tal-Anness I-A tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), l-entrata għal "Laħam tat-tjur u preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur" għandha tinbidel b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Laħam tat-tjur u preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur | 0207 11 (30-90)<br>0207 12 (10-90)<br>0207 13 (10-20-30-50-60-70-99)*<br>0207 14 (10-20-30-50-60-70-99)*<br>0207 24 (10-90)<br>0207 25 (10-90)<br>0207 26 (10-20-30-50-60-70-80-99)<br>0207 27 (10-20-30-50-60-70-80-99)<br>0207 32 (15-19-51-59-90)<br>0207 33 (11-19-59-90)<br>0207 35 (11-15-21-23-25-31-41-51-53-61-63-71-79-99)<br>0207 36 (11-15-21-23-31-41-51-53-61-63-79-90)<br>0210 99 (39)<br>1602 31 (11-19-30-90)<br>1602 32 (11-19-30-90)<br>1602 39 (21) | 50 000 tunnellata/sena espressi f'piż nett + 18 400 tunnellata/sena espressi f'piż nett b'żieda inkrimentali ta' 800 tunnellata/sena espressi f'piż nett fis-sena 2020 u fis-sena 2021<br><br>+ 20 000 tunnellata/sena espressi f'piż nett (għall-kodiċi NM 0207 12 biss (10–90)) |

* Għall-finijiet taċ-ċarezza, il-linji tariffarji 0207 13 70 u 0207 14 70 stabbiliti fl-iskedi tat-Tariffi tal-UE fl-Anness I-A għall-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim għandhom ikunu soġġetti għat-TRQ stabbilita fit-tielet kolonna "Kwantità".

(2) Fl-iskedi tat-Tariffi tal-UE fl-Anness I-A tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim it-test fir-raba' kolonna "Kategorija tal-Fażi" għandu jiġi sostitwit b' "50 000 tunnellata/sena espressi f'piż nett + 18 400 tunnellata/sena espressi f'piż nett b'żieda

inkrimentali ta' 800 tunnellata/sena espressi f'piż nett fis-sena 2020 u fis-sena 2021" għal-linji NM 2008 li ġejjin:

0207 11 (30-90)

0207 13 (10-20-30-50-60-70-99)

0207 14 (10-20-30-50-60-70-99)

0207 24 (10-90)

0207 25 (10-90)

0207 26 (10-20-30-50-60-70-80-99)

0207 27 (10-20-30-50-60-70-80-99)

0207 32 (15-19-51-59-90)

0207 33 (11-19-59-90)

0207 35 (11-15-21-23-25-31-41-51-53-61-63-71-79-99)

0207 36 (11-15-21-23-31-41-51-53-61-63-79-90)

0210 99 (39)

1602 31 (11-19-30-90)

1602 32 (11-19-30-90)

1602 39 (21)

(3) Fl-iskedi tat-Tariffi tal-UE fl-Anness I-A tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim, għal-linja tariffarja NM 2008 0207 12 (10–90), it-test fir-raba' kolonna "Kategorija tal-Fażi" għandu jiġi sostitwit b' "50 000 tunnellata/sena espressi f'piż nett + 18 400 tunnellata/sena espressi f'piż nett b'żieda inkrimentali ta' 800 tunnellata/sena espressi f'piż nett fis-sena 2020 u fis-sena 2021 + 20 000 tunnellata/sena espressi f'piż nett".

(4) Għall-bqija tas-sena kalendarja li fiha jidħol fis-seħħ dan il-ftehim, il-kwantità addizzjonali ta' 50 000 tunnellata li għandha tiżdied mal-kwota eżistenti ta' laħam tat-tjur u preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur stabbilita fil-Ftehim għandha tiġi kkalkulata fuq bażi pro rata.

(5) Id-dazju tal-Aktar Nazzjon Favorit ta' EUR 100.8/100 kg nett stabbilit għal-linji tariffarji 0207 13 70 u 0207 14 70 fl-iskedi tat-Tariffi tal-UE fl-Anness I-A għall-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim għandu japplika għall-importazzjonijiet li jaqbżu t-TRQ aggregat għal-laħam tat-tjur u l-preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur imsemmija fil-punt (1).

Dan il-ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data tal-aħħar notifika lid-Depożitarju tal-istrument ta' approvazzjoni jew ta' ratifika, skambjata bejn il-Partijiet.

Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod provviżorju mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data tal-wasla għand id-Depożitarju ta':

– in-notifika tal-Unjoni dwar it-tlestija tal-proċeduri neċessarji għal din il-fini; kif ukoll

– in-notifika tal-Ukrajna dwar it-tlestija tar-ratifika skont il-proċeduri u l-leġiżlazzjoni applikabbli tagħha,

liema minnhom tiġi l-aktar tard.

Napprezza jekk tikkonfermali l-qbil tal-Ukrajna ma' dan t'hawn fuq.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni tal-ogħla stima tiegħi.

Magħmul fi Brussell,

*F'isem l-Unjoni Ewropea,*

*B. Ittra mill-Ukrajna*

Eċċellenza,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek ta' [*daħħal id-data tal-ittra*], li taqra kif ġej:

"Għandi l-unur li nirreferi għan-negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna ("il-Partijiet") rigward il-preferenzi kummerċjali għal ċerti laħam tat-tjur u preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur, konklużi fid-19 ta' Marzu 2019.

Dawn in-negozjati rriżultaw fil-ftehim li ġej:

(1) Fil-punt A tal-Appendiċi tal-Anness I-A tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), l-entrata għal "Laħam tat-tjur u preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur" għandha tinbidel b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Laħam tat-tjur u prodotti tal-laħam tat-tjur | 0207 11 (30-90)<br>0207 12 (10-90)<br>0207 13 (10-20-30-50-60-70-99)*<br>0207 14 (10-20-30-50-60-70-99)*<br>0207 24 (10-90)<br>0207 25 (10-90)<br>0207 26 (10-20-30-50-60-70-80-99)<br>0207 27 (10-20-30-50-60-70-80-99)<br>0207 32 (15-19-51-59-90)<br>0207 33 (11-19-59-90)<br>0207 35 (11-15-21-23-25-31-41-51-53-61-63-71-79-99)<br>0207 36 (11-15-21-23-31-41-51-53-61-63-79-90)<br>0210 99 (39)<br>1602 31 (11-19-30-90)<br>1602 32 (11-19-30-90)<br>1602 39 (21) | 50 000 tunnellata/sena espressi f'piż nett + 18 400 tunnellata/sena espressi f'piż nett b'żieda inkrimentali ta' 800 tunnellata/sena espressi f'piż nett fis-sena 2020 u fis-sena 2021<br><br>+ 20 000 tunnellata/sena espressi f'piż nett (għall-kodiċi NM 0207 12 biss (10–90)) |

* Għall-finijiet taċ-ċarezza, il-linji tariffarji 0207 13 70 u 0207 14 70 stabbiliti fl-iskedi tat-Tariffi tal-UE fl-Anness I-A għall-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim għandhom ikunu soġġetti għat-TRQ stabbilita fit-tielet kolonna "Kwantità".

(2) Fl-iskedi tat-Tariffi tal-UE fl-Anness I-A tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim it-test fir-raba' kolonna "Kategorija tal-Fażi" għandu jiġi sostitwit b' "50 000 tunnellata/sena espressi f'piż nett + 18 400 tunnellata/sena espressi f'piż nett b'żieda inkrimentali ta' 800 tunnellata/sena espressi f'piż nett fis-sena 2020 u fis-sena 2021" għal-linji NM 2008 li ġejjin:

0207 11 (30-90)

0207 13 (10-20-30-50-60-70-99)

0207 14 (10-20-30-50-60-70-99)

0207 24 (10-90)

0207 25 (10-90)

0207 26 (10-20-30-50-60-70-80-99)

0207 27 (10-20-30-50-60-70-80-99)

0207 32 (15-19-51-59-90)

0207 33 (11-19-59-90)

0207 35 (11-15-21-23-25-31-41-51-53-61-63-71-79-99)

0207 36 (11-15-21-23-31-41-51-53-61-63-79-90)

0210 99 (39)

1602 31 (11-19-30-90)

1602 32 (11-19-30-90)

1602 39 (21)

(3) Fl-iskedi tat-Tariffi tal-UE fl-Anness I-A tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim, għal-linja tariffarja NM 2008 0207 12 (10–90), it-test fir-raba’ kolonna “Kategorija tal-Fażi” għandu jiġi sostitwit b’ “50 000 tunnellata/sena espressi f’piż nett + 18 400 tunnellata/sena espressi f’piż nett b’żieda inkrimentali ta’ 800 tunnellata/sena espressi f’piż nett fis-sena 2020 u fis-sena 2021 + 20 000 tunnellata/sena espressi f’piż nett”.

(4) Għall-bqija tas-sena kalendarja li fiha jidħol fis-seħħ dan il-ftehim, il-kwantità addizzjonali ta’ 50 000 tunnellata li għandha tiżdied mal-kwota eżistenti ta’ laħam tat-tjur u preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur stabbilita fil-Ftehim għandha tiġi kkalkulata fuq bażi pro rata.

(5) Id-dazju tal-Aktar Nazzjon Favorit ta’ EUR 100.8/100 kg nett stabbilit għal-linji tariffarji 0207 13 70 u 0207 14 70 fl-iskedi tat-Tariffi tal-UE fl-Anness I-A għall-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim għandu japplika għall-importazzjonijiet li jaqbżu t-TRQ aggregat għal-laħam tat-tjur u l-preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur imsemmija fil-punt (1).

Dan il-ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data tal-aħħar notifika lid-Depożitarju tal-istrument ta’ approvazzjoni jew ta’ ratifika, skambjata bejn il-Partijiet.

Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat b’mod provviżorju mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data tal-wasla għand id-Depożitarju ta’:

– in-notifika tal-Unjoni dwar it-tlestija tal-proċeduri neċessarji għal din il-fini; kif ukoll

– in-notifika tal-Ukrajna dwar it-tlestija tar-ratifika skont il-proċeduri u l-leġiżlazzjoni applikabbli tagħha,

liema minnhom tiġi l-aktar tard.”

Għandi l-unur nikkonferma li l-Ukrajna taqbel mal-kontenut ta' din l-ittra.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni tal-ogħla stima tiegħi.

Magħmul fi Kiev,

*Għall-Ukrajna,*